IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.7.2026
COM(2026) 615 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Kompetittività tas-Settur Bankarju u s-Suq Uniku fis-Settur Bankarju**

{SWD(2026) 615 final}

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Kompetittività tas-Settur Bankarju u s-Suq Uniku fis-Settur Bankarju**

# 1. Ir-rwol tas-settur bankarju fl-ekonomija tal-UE

**Il-banek għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija tal-UE u settur bankarju kompetittiv huwa essenzjali biex jiffinanzja t-tkabbir, l-innovazzjoni u l-prijoritajiet strateġiċi.** Il-kompetittività tal-banek tiddependi wkoll fuq ekonomija b'saħħitha u li qed tiffjorixxi. Il-banek huma s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-unitajiet domestiċi tal-UE, il-korporattivi l-kbar, u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Lil hinn mir-rwol tradizzjonali tagħhom ta' self, il-banek jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq kapitali, u b'hekk jgħinu lid-ditti jiksbu finanzjament mill-bejgħ ta' ishma u finanzjament b'dejn u biex min ifaddal ikun jista' jinvesti. F'xenarju ġeopolitiku li qed jevolvi malajr, dawn id-diversi rwoli tas-settur bankarju huma saħansitra aktar importanti fil-preservazzjoni tal-awtonomija strateġika tal-UE. Ir-rwol tagħhom huwa kruċjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' finanzjament dejjem akbar li l-kumpaniji tal-UE jiffaċċjaw, b'mod partikolari f'setturi strateġiċi.

**L-Istrateġija tal-Unjoni dwar it-Tfaddil u l-Investimenti (SIU)[1] se ttejjeb il-mod kif is-sistema finanzjarja tal-UE tiffaċilita l-allokazzjoni tat-tfaddil għal investimenti produttivi.** L-istrateġija tipprevedi settur bankarju effiċjenti u integrat, ibbażat fuq ġabra unika tar-regoli u Unjoni Bankarja kompluta. L-istrateġija, u d-deskrizzjoni tal-proposti f'dan ir-rapport, huma allinjati mal-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE[2], ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti Letta[3] u Draghi[4], l-Istrateġija għas-Suq Uniku[5], il-pjan direzzjonali "Ewropa Waħda, Suq Wieħed"[6] u l-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tindif Regolatorju fil-Fond[7]. Filwaqt li jappoġġa l-ekonomija usa' tal-UE, settur bankarju kompetittiv irid ikollu l-possibbiltà li jopera mingħajr xkiel kemm jista' jkun bejn il-fruntieri, joffri għażla usa' ta' prodotti lil min ifaddal u lill-investituri u jikseb skala xierqa f'konformità mar-rekwiżiti prudenzjali u r-regoli tal-kompetizzjoni. Fl-istess ħin, settur bankarju kompetittiv irid ikun flessibbli biżżejjed, ikollu mudelli ta' negozju diversifikati, ikun kapaċi jrawwem l-innovazzjoni u jakkomoda entranti ġodda.

**Is-settur bankarju u s-swieq kapitali tal-UE huma interdipendenti u għandhom jiżviluppaw b'mod parallel.** Il-banek jistgħu jgħinu biex jitrawwem l-iżvilupp tas-swieq kapitali tal-UE, speċjalment fuq bażi transfruntiera, filwaqt li jibbenefikaw minn flussi sinifikanti ta' dħul marbuta ma' servizzi ta' investiment u korporattivi relatati. Il-banek jistgħu jakkumpanjaw lill-investituri, pereżempju, permezz tal-iżvilupp ta' prodotti mfassla apposta jew attivitajiet ta' sottoskrizzjoni. Min-naħa tiegħu, suq kapitali aktar effiċjenti u integrat jista' jgħin lill-banek isiru aktar kompetittivi domestikament u internazzjonalment. Fl-UE, din il-komplementarjetà bejn is-swieq bankarji u kapitali mhux biss tkun tista' tgħin fil-finanzjament

1 Il-Kummissjoni Ewropea (2025), *Strateġija tal-Unjoni dwar it-Tfaddil u l-Investimenti*.

2 Il-Kummissjoni Ewropea (2025), *Boxxla għall-Kompetittività tal-UE*.

3 Enrico Letta (2024), *Much more than a market*.

4 Mario Draghi (2025), *The future of European competitiveness*.

5 Il-Kummissjoni Ewropea (2025), *Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu*.

6 Il-Kummissjoni Ewropea (2026), *Pjan Direzzjonali għal Ewropa Waħda, Suq Wieħed tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea*.

7 Il-Kummissjoni Ewropea (April 2026), Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tindif Regolatorju fil-Fond li jakkumpanja l-Kommunikazzjoni dwar *Ġabra ta' Regoli tal-UE Aktar Sempliċi, Aktar Ċari u Infurzati Aħjar*.

tal-ekonomija, inkluż il-prijoritajiet strateġiċi tagħha, iżda tnaqqas id-dipendenza fuq banek internazzjonali barranin għal servizzi finanzjarji kritiċi.

**Settur bankarju fraġli jew bi prestazzjoni batuta ma jistax jaqdi r-rwol ekonomiku tiegħu b'mod effettiv u jappoġġja l-ħtiġijiet dejjem akbar ta' investiment li jiffaċċjaw il-kumpaniji tal-UE**. Għaldaqstant, is-settur bankarju tal-UE jrid ikun robust u reżiljenti biżżejjed għal xokkijiet potenzjali, b'elementi fundamentali sodi (pereż. profittabbiltà, valwazzjonijiet tas-suq, redditu fuq l-ekwità, strutturi tal-kostijiet baxxi, governanza robusta), u livelli ta' kapital u likwidità kkalibrati b'mod xieraq. Fil-fatt, tali reżiljenza tista' titqies bħala aspett kruċjali tal-kompetittività fis-settur bankarju.

**Din il-Komunikazzjoni u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha jwettqu l-impenn tal-Kummissjoni li tivvaluta l-istat attwali tal-kompetittività fis-settur bankarju tal-UE**. It-taqsimiet li ġejjin jenfasizzaw il-progress sostanzjali li sar fit-titjib tar-reżiljenza u l-prestazzjoni ġenerali tas-settur f'dawn l-aħħar 15-il sena, jiddeskrivu l-problemi ewlenin li għad iridu jiġu indirizzati u jipproponu triq ' il quddiem pożittiva u orjentata lejn il-futur. Hija bbażata fuq konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati kollha biex jiġi żgurat li l-analiżi, il-valutazzjoni u l-konklużjonijiet ikunu msejsa fuq l-evidenza kif deskritt fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha.

**Fil-kunsiderazzjoni tal-kompetittività tas-settur bankarju tal-UE, il-kompromessi bejn diversi objettivi jridu jiġu rikonoxxuti minn qabel**, inklużi dawn li ġejjin:

- *Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u tat-tkabbir sostenibbli trid tinkiseb filwaqt li tiġi ppreservata r-reżiljenza.* Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u tat-tkabbir fl-ekonomija tal-UE se teħtieġ bidla kulturali responsabbli, u xi bbilanċjar mill-ġdid fil-qafas regolatorju għall-banek, u dan jimplika ċaqliqa mill-moviment attwali li spiss jkun avvers għar-riskju għal wieħed li huwa miftuħ għal riskji responsabbli u mkejla. Il-Kummissjoni għandha rwol ewlieni x'taqdi f'dak ir-rigward, billi tirrifletti fuq il-livell xieraq ta' riskju li s-sistema b'mod ġenerali tista' tappoġġa. Madankollu, ir-reżiljenza tas-settur bankarju trid tiġi ppreservata, peress li hija prekundizzjoni għat-tkabbir sostenibbli.

- *L-armonizzazzjoni tar-regoli fil-livell tal-UE timplika diskrezzjoni nazzjonali mnaqqsa.* Il-bini ta' settur bankarju integrat tal-UE se jirrikjedi ġabra verament unika tar-regoli iżda dan ma jistax jinkiseb jekk jibqgħu jseħħu l-gold-plating, l-implimentazzjoni diverġenti, id-duplikazzjoni tar-rapportar, jew l-eċċess tas-setgħat nazzjonali fir-rigward tal-fużjonijiet.

- *L-integrazzjoni tas-settur bankarju tal-UE trid tkun akkumpanjata minn salvagwardji xierqa biex jiġi indirizzat it-tħassib leġittimu.* L-integrazzjoni tas-settur bankarju teħtieġ bidla fir-relazzjoni attwali bejn l-Istati Membri domiċiljarji u dawk ospitanti u tkun aċċettabbli biss jekk l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kollha tkun protetta b'mod ugwali.

- *Il-miżuri meħuda biex tingħata spinta lill-kompetittività jista' jkunu mistennija jkollhom impatt fuq il-livell tar-rekwiżiti kapitali tal-banek.* It-titjib tal-integrazzjoni tas-suq, it-

tneħħija tad-duplikazzjonijiet, is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju, l-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji għal ċerti rekwiżiti jew l-introduzzjoni ta' aktar proporzjonalità, se jkollhom impatt fuq ir-rekwiżiti applikati għal ċerti banek f'ċerti oqsma ta' politika, u se jkunu jeħtieġu kalibrazzjoni bir-reqqa fid-dawl tal-impatti ġenerali tagħhom.

Il-ġestjoni ta' dawn id-diversi kompromessi se tirrikjedi taħlita ta' għarfien espert tekniku u ġudizzju politiku fl-aġġustament bir-reqqa tal-bilanċ bejn it-teħid tar-riskju u r-reżiljenza fis-settur bankarju. Din se ssir permezz tal-miżuri deskritti f'dan ir-rapport u fuq bażi kontinwa permezz ta' monitoraġġ aktar b'saħħtu mill-Kummissjoni tal-kompetittività tas-settur bankarju.

## 2. Il-progress li sar u l-isfidi li fadal fis-suq bankarju uniku tal-UE

**B'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja globali (GFC), l-UE żviluppat ġabra unika tar-regoli għall-banek u rriformat l-oqfsa superviżorji, ta' riżoluzzjoni u makroprudenzjali tagħha.** Matul dawn l-aħħar 15-il sena, dawn ir-riformi għenu biex tittejjeb ir-reżiljenza tal-banek u ffaċilitaw l-immaniġġjar effettiv tal-kriżijiet meta kien meħtieġ. Fl-Unjoni Bankarja, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) huwa responsabbli għall-awtorizzazzjoni tal-banek kollha u jissorvelja direttament 111-il bank li jirrappreżentaw aktar minn 85 % tal-assi bankarji totali. Għal dawk il-banek, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) huwa responsabbli għall-preparatezza għall-kriżijiet u l-immaniġġjar tagħhom u huwa appoġġat minn Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) ta' aktar minn EUR 81 biljun. L-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti huma ffinanzjati tajjeb u ġew imsaħħa biex jippermettu tifdijiet rapidi, u b'hekk tiżdied il-fiduċja tad-depożitanti. L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) kellha rwol ċentrali fl-iżvilupp tal-ġabra unika tar-regoli u fit-tisħiħ tal-konverġenza superviżorja madwar l-UE, filwaqt li l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) kellu r-rwol ta' sistema ta' twissija bikrija u assista fl-implimentazzjoni ta' miżuri makroprudenzjali nazzjonali.

**Ir-riformi regolatorji u istituzzjonali kienu akkumpanjati minn trasformazzjoni profonda fis-settur bankarju tal-UE**. B'kuntrast mal-perjodu li wassal għall-GFC, il-banek tal-UE huma reżiljenti b'pożizzjonijiet ta' kapital u likwidità b'saħħithom. Din ir-reżiljenza ġiet ikkonfermata b'mod konsistenti minn eżerċizzji ta' ttestjar tal-istress fl-UE kollha mwettqa mill-EBA u mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), inkluż l-aktar eżerċizzju reċenti mwettaq fl-2025[8]. Aktar importanti minn hekk, is-settur bankarju tal-UE baqa' reżiljenti u wera l-effettività tiegħu fil-kundizzjonijiet tad-dinja reali matul il-pandemija tal-COVID-19, ix-xokk enerġetiku wara l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja, u t-taqlib bankarju fl-Istati Uniti u fl-Iżvizzera fir-rebbiegħa tal-2023. Il-banek aġixxew bħala ammortizzaturi aktar milli amplifikaturi ta' stress ekonomiku. Mill-2023, il-banek tal-UE reġgħu lura wkoll għal

8 Għal aktar dettalji, ara hawnhekk ir-rapport tal-eżerċizzju tat-test tal-istress fl-UE kollha tal-2025 imwettaq mill-EBA (link) u mill-BĊE (link).

profittabbiltà sostnuta, u laħqu redditi fuq l-ekwità ta' qabel il-kriżi, u dan juri li r-reżiljenza u l-profittabbiltà jistgħu jimxu id f'id.

**Is-settur bankarju tal-UE huwa reżiljenti u profittabbli, iżda għadu frammentat ħafna tul il-fruntieri nazzjonali u qed jiffaċċja għadd ta' sfidi relatati mal-qafas regolatorju u l-implimentazzjoni tiegħu.** Dawn l-isfidi jridu jiġu indirizzati biex il-banek ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod aktar profond fl-indirizzar tal-ħtiġijiet sinifikanti ta' investiment li r-rapport ta' Draghi identifika għal EUR 1 200 biljun fis-sena, biex jinżammu l-kompetittività, il-progress fit-tranżizzjonijiet doppji, jissaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza u jibqgħu teknoloġikament sovrani, li jissarrfu fi ħtiġijiet ta' investiment speċjalment f'setturi strateġiċi bħat-teknoloġija profonda, it-teknoloġija nadifa, id-difiża, l-intelliġenza artifiċjali, u l-bijoteknoloġija.

Il-Kummissjoni identifikat **tliet sfidi ewlenin li jillimitaw il-potenzjal tas-settur bankarju milli jappoġġa b'mod effettiv l-ekonomija tal-UE**. L-ewwel nett, is-settur huwa frammentat wisq, u minħabba f'hekk ma jkunx jista' jsir it-tkabbir, it-titjib fl-effiċjenza, l-użu produttiv tar-riżorsi, u d-diversifikazzjoni ġeografika bejn il-fruntieri nazzjonali. It-tieni, it-traspożizzjoni tal-istandards internazzjonali fil-qafas regolatorju tal-UE tista' tqis aħjar l-ispeċifiċitajiet tal-UE u tkun aktar proporzjonata. It-tielet, ċerti aspetti tal-qafas regolatorju tal-UE huma kumplessi u ta' piż bla bżonn u għandhom jiġu ssimplifikati. L-indirizzar ta' dawn it-tliet sfidi huwa essenzjali biex jinbena settur bankarju li mhuwiex biss reżiljenti iżda li jappoġġja aħjar l-ekonomija tal-UE billi jiffinanzja t-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni, is-sigurtà u l-prosperità fit-tul.

## *2.1 Frammentazzjoni tul il-fruntieri nazzjonali*

**L-integrazzjoni transfruntiera tas-settur bankarju tal-UE tjiebet matul dawn l-aħħar snin iżda għadha f'livelli mhux sodisfaċenti.** L-integrazzjoni hija fil-biċċa l-kbira limitata għas-suq interbankarju, filwaqt li attivitajiet transfruntiera oħra jibqgħu limitati ħafna. Pereżempju, is-self korporattiv transfruntier fiż-żona tal-euro jirrappreżenta biss madwar 16 % tas-self korporattiv totali[9]. Dan huwa prinċipalment minħabba diffikultajiet biex jintlaħqu klijenti fi Stati Membri oħra mingħajr preżenza fiżika ta' bank, jew fl-espansjoni u l-istabbiliment ta' preżenza ta' bank fi swieq ġodda, jew b'mod organiku jew permezz ta' konsolidazzjoni transfruntiera. Mill-GFC, il-konsolidazzjoni tas-settur bankarju tal-UE seħħet domestikament kważi b'mod esklussiv, peress li l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet transfruntiera madwar l-UE naqsu b'mod sinifikanti, minkejja żieda fl-2025. Dan wassal biex ħafna gruppi bankarji fl-UE jkunu kbar meta mqabbla mad-daqs tal-ekonomija domestika tagħhom, iżda mhux meta mqabbla mad-daqs tal-ekonomiji tal-UE jew tal-Unjoni Bankarja, jew ma' kompetituri internazzjonali.

**Il-frammentazzjoni fis-settur bankarju tirrifletti dimensjoni nazzjonali qawwija ħafna fil-qafas regolatorju tal-UE.**

---

9 Il-Bank Ċentrali Ewropew (2026), *ECB response to the Commission consultation on the competitiveness of the EU banking sector*

- **Għall-kuntrarju ta' ġuriżdizzjonijiet oħra, il-qafas regolatorju tal-UE jirrikjedi li l-gruppi bankarji transfruntiera jikkonformaw mar-rekwiżiti kapitali u tal-likwidità kemm fil-livell konsolidat kif ukoll fil-livell tas-sussidjarji.** Din il-karatteristika tipprevjeni lil dawn il-gruppi milli jimmaniġġjaw aktar minn dawn ir-riżorsi b'mod ċentrali fil-livell tal-grupp, u b'hekk tillimita l-effiċjenza. Barra minn hekk, tillimita l-effiċjenza tal-gruppi bankarji transfruntiera, u taġixxi bħala ostaklu *de facto* għall-fużjonijiet transfruntiera. Ġie stmat li t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-likwidità miżmuma fis-sussidjarji transfruntiera tal-gruppi bankarji tal-UE tirrilaxxa madwar EUR 230 biljun ta' assi likwidi ta' kwalità għolja[10]. Din id-dimensjoni nazzjonali qawwija fir-regolamentazzjoni prudenzjali tirrifletti tħassib dwar l-impatti potenzjali ta' falliment ta' bank fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri li jospitaw sussidjarji transfruntiera. Tali tħassib jippersisti minkejja l-implimentazzjoni tal-ġabra unika tar-regoli, il-livelli sinifikanti ta' reżiljenza miksuba mill-banek, u l-progress fl-iżvilupp tal-Unjoni Bankarja (li, madankollu, għadha mhux kompluta, speċjalment fin-nuqqas ta' mekkaniżmu li jopera madwar l-Unjoni Bankarja kollha għall-assigurazzjoni tad-depożiti). Fatturi prudenzjali oħra li jikkontribwixxu għall-frammentazzjoni persistenti huma t-trattament diverġenti tal-iskoperturi intragrupp domestiċi u transfruntiera, l-eteroġeneità u n-nuqqas ta' prevedibbiltà fl-istabbiliment tar-rekwiżiti prudenzjali u l-koordinazzjoni insuffiċjenti fost is-superviżuri, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u makroprudenzjali.

- **Il-gold-plating nazzjonali u d-differenzi fit-traspożizzjoni tar-regoli tal-UE huma sors ieħor ta' frammentazzjoni.** Dawn l-elementi jimminaw l-effettività tal-ġabra unika tar-regoli, u jagħmluha kkumplikata u għalja għall-gruppi bankarji biex joperaw bejn il-fruntieri. Sadanittant, dipendenza akbar fuq strumenti legali nonvinkolanti fil-qafas regolatorju – spiss interpretata bħala restrizzjonijiet vinkolanti mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE u dawk nazzjonali, l-uffiċjali tal-konformità tal-banek u l-awdituri esterni – tista' żżid dan l-effett.

- **L-interventi nazzjonali fil-fużjonijiet tal-banek jipprevjenu lill-banek milli jiksbu skala fil-livell tal-UE.** Interventi mhux ġustifikati fil-livell nazzjonali spiss ifixklu l-kapaċità tal-banek tal-UE li jikkonsolidaw. B'riżultat ta' dan, dawk il-banek ma jitħallewx jespandu fil-livell tal-UE[11], inkluż permezz ta' fużjonijiet transfruntiera. Dan għandu impatt fuq il-valwazzjonijiet u l-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw titjib fl-effiċjenza, jillimita l-kapaċità tagħhom li joffru servizzi finanzjarji kritiċi lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji u jillimitahom milli jikkompetu b'mod effettiv fis-swieq finanzjarji globali għal attivitajiet bankarji korporattivi u ta' investiment.

---

10 Il-Bank Ċentrali Ewropew (2026), ECB response to the Commission consultation on the competitiveness of the EU banking sector

11 L-iskala hija fattur importanti li jiddetermina l-kontribuzzjoni ta' bank għall-ekonomija f'għadd ta' oqsma li jappartjenu għal attivitajiet bankarji ta' investiment, pereż. is-sottoskrizzjoni ta' ħruġ ta' dejn sovran jew kummerċjali, il-ħruġ ta' ekwità, is-servizzi ta' kustodja, in-negozjar primarju f'euro fis-swieq tal-kambju u tad-derivattivi, il-konsulenza dwar M&A u l-istrutturar tat-tranżazzjonijiet, il-finanzjament ta' proġetti kritiċi kbar u oħrajn.

- **Ir-regoli nazzjonali jew id-differenzi fit-traspożizzjoni tar-regoli tal-UE f'oqsma għajr l-isfera prudenzjali jillimitaw l-attivitajiet bankarji transfruntiera**. Dawn l-ostakli mhux prudenzjali jinkludu l-kontrolli kontra l-ħasil tal-flus, id-dritt ċivili, il-protezzjoni tad-data, it-tassazzjoni[12], il-liġi dwar l-insolvenza u r-regoli ta' preklużjoni u ċerti regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur li, għalkemm b'xi mod huma armonizzati fil-livell tal-UE, mhumiex applikati b'mod uniformi madwar l-Istati Membri. L-implimentazzjoni ta' regoli nazzjonali differenti tista' tiddiżinċentiva lill-banek milli jwettqu l-forniment transfruntier ta' servizzi, b'mod partikolari fl-operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur. Fl-ambjent dejjem aktar diġitali tal-lum, limitazzjoni kruċjali hija relatata ma' pjattaformi tal-IT żviluppati mill-banek biex jaqdu l-ħtiġijiet ta' suq nazzjonali li ma jistgħux jiġu replikati faċilment madwar l-UE. Dan jillimita l-mudell ta' negozju ta' attività bankarja transfruntiera, jillimita l-kompetizzjoni fost il-banek, inaqqas l-għażla għall-klijenti, u jżid il-prezzijiet.

## *2.2 L-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-UE*

**L-UE impenjat ruħha li tirrispetta l-istandards internazzjonali stabbiliti mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja.** L-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali hija essenzjali biex tiġi protetta l-istabbiltà finanzjarja u jiġu ppreservati l-kundizzjonijiet ekwi. Fl-UE, għall-kuntrarju ta' ġuriżdizzjonijiet oħra, jiġu applikati standards internazzjonali għall-banek kollha biex tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Uniku. Hemm aktar minn 4 500 bank u madwar 650 grupp bankarju fl-UE, u dawn joħolqu ekosistema bankarja diversa li tiffinanzja l-ekonomija tal-UE. Il-banek ivarjaw minn banek globali kumplessi sistemikament importanti li joperaw madwar id-dinja, għal banek iżgħar b'mudell ta' negozju aktar tradizzjonali jew inqas kumpless li jappoġġja l-finanzjament lokali tal-SMEs, inkluż f'reġjuni inqas żviluppati. Minħabba r-rwol tagħhom fil-finanzjament tal-ekonomija tal-UE, il-qafas regolatorju għandu jippermetti lill-banek jiffinanzjaw ħafna tipi differenti ta' kumpaniji, minn negozji li ilhom stabbiliti għal kumpaniji diġitali li qed jikbru b'rata mgħaġġla, inkluż l-istart-ups u l-iscale-ups. Barra minn hekk, is-suq Ewropew jiddependi fuq is-self mill-banek biex jiffinanzja investimenti strateġiċi essenzjali fit-tul. Minkejja l-isforzi biex din id-diversità tiġi riflessa fil-qafas regolatorju, ħafna regoli jkomplu japplikaw irrispettivament mid-daqs jew mill-mudelli ta' negozju, u dan jirriżulta f'kumplessità u piż amministrattiv bla bżonn għall-banek.

**Il-banek il-kbar tal-UE jikkompetu globalment u huma meħtieġa joperaw f'ambjent fejn l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tvarja bejn il-ġuriżdizzjonijiet.** Id-devjazzjonijiet u d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali maqbula f'xi ġuriżdizzjonijiet ewlenin żiedu t-tħassib dwar il-kompetittività tal-banek tal-UE fis-swieq

[12] Il-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar ippubblikat studju mwettaq minn konsulent estern dwar il-qafas tat-taxxa attwali tas-settur finanzjarju. Dan l-istudju jħares kemm lejn il-VAT – li minnha l-biċċa l-kbira tas-servizzi finanzjarji ewlenin huma eżentati – kif ukoll lejn it-taxxi settorjali applikati fil-livell nazzjonali fl-UE.

globali. Sabiex tindirizza żbilanċi kompetittivi severi kkawżati minn ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li jonqsu milli jissodisfaw l-istandards internazzjonali, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni internazzjonali u tagħmel użu mill-għodod regolatorji disponibbli, filwaqt li tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja.

Barra minn hekk, il-qafas regolatorju tal-UE, u l-implimentazzjoni tiegħu li tinvolvi ħafna awtoritajiet differenti, iżidu saffi ta' rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-istandards internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-UE hija sostanzjalment differenti minn ġuriżdizzjonijiet ewlenin oħra. Flimkien, il-karatteristiċi tas-sistema bankarja Ewropea u l-ispeċifiċitajiet tal-qafas regolatorju u superviżorju tal-UE, jeħtieġu kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali.

## *2.3 Kumplessità bla bżonn fil-qafas regolatorju*

**Filwaqt li r-riformi ta' wara l-GFC tejbu b'mod sinifikanti r-reżiljenza fis-settur bankarju tal-UE, il-qafas regolatorju sar indebitament kumpless.**

- **Il-kumplessità tirriżulta parzjalment mill-qafas regolatorju granulari b'diversi livelli**. Il-qafas huwa bbażat fuq żewġ livelli distinti ta' leġiżlazzjoni[13] u gwida superviżorja addizzjonali[14] koeżistenti, f'ħafna każijiet, ma' regoli nazzjonali addizzjonali. Filwaqt li dawn id-diversi livelli jippermettu emendi aktar rapidi u mfassla apposta kull meta jkun hemm bżonn, mingħajr rikors għal proċess twil ta' emenda leġiżlattiva, xi drabi dawn ikunu granulari żżejjed u b'hekk isiru ta' piż biex jiġu implimentati, b'mod partikolari għal banek iżgħar. Il-granularità dejjem akbar fil-qafas tal-UE tirrifletti wkoll sforz biex jiġi standardizzat kif ir-regoli tal-UE jiġu applikati fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, il-banek infushom spiss joħolqu kumplessità u granularità bla bżonn billi jinterpretaw iżżejjed ir-regolamenti jew billi jfittxu gwida regolatorja u superviżorja biex jimminimizzaw ir-riskji ta' konformità.

- **Ir-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni jistgħu jkunu wkoll sors ta' kumplessità**. Filwaqt li d-data rrapportata mill-banek hija meħtieġa biex jiġu ssorveljati l-banek u tiġi promossa l-integrità tas-suq, ir-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni f'ħafna każijiet saru ta' piż, għaljin u duplikati.

- **Il-kumplessità hija aggravata aktar minn regoli paralleli jew xi drabi sovrapposti dwar aspetti mikroprudenzjali, makroprudenzjali u ta' riżoluzzjoni.** Dan minħabba li partijiet mill-qafas bankarju ġew riformati f'diversi stadji u spiss b'mod iżolat. Barra minn hekk, maż-żmien, il-koleġiżlaturi ttrasponew jew ippreservaw fil-biċċa l-kbira l-ispeċifiċitajiet nazzjonali fil-leġiżlazzjoni tal-UE. It-trikkib mad-diversi rekwiżiti li l-banek iridu jissodisfaw fl-istess ħin jista' jwassal għal duplikazzjonijiet u

---

13 Il-livell 1 jikkonsisti f'"leġiżlazzjoni qafas" (regolamenti jew direttivi) u l-livell 2 f'"miżuri tekniċi" (atti delegati u ta' implimentazzjoni u standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni).

14 Il-livell 3 jikkonsisti fi gwida ta' "konverġenza superviżorja" (Linji Gwida tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej), fi Q&As interpretattivi, f'opinjonijiet, f'rakkomandazzjonijiet u prattiki superviżorji u f'aspettattivi orizzontali.

jillimita l-użu tal-ilqugħ (il-kwistjoni ta' akkumulazzjoni tal-kapital)[15]. Barra minn hekk, l-interazzjoni tar-regoli fit-tliet oqsma prudenzjali separati iżda li huma interrelatati ħafna drabi tkun subottimali.

- **L-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju ma għandhiex ħarsa ġenerali olistika minħabba l-ħafna atturi involuti.** Is-superviżuri nazzjonali, l-awtoritajiet makroprudenzjali, l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, il-BĊE, l-SRB, il-BERS u l-EBA huma kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju, li jirriżulta fi sfidi sinifikanti ta' koordinazzjoni. Filwaqt li l-Unjoni Bankarja tejbet is-sitwazzjoni billi pprevediet superviżjoni u riżoluzzjoni uniċi għall-banek akbar fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, ma hemmx biżżejjed kunsiderazzjoni ta' kif ir-rekwiżiti stabbiliti minn awtoritajiet differenti jinteraġixxu, tal-impatti kkombinati tagħhom u l-punt sa fejn l-ineffiċjenzi li jirriżultaw jiġu mgħoddija lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji tal-UE.

# 3. It-triq 'il quddiem għas-settur bankarju tal-UE

**Il-firxa u n-natura tal-isfidi li qed jiffaċċja s-settur bankarju tal-UE jeħtieġu miżuri ta' politika koerenti, orjentati lejn il-futur, komprensivi u ambizzjużi, ibbażati fuq valutazzjoni tal-impatt, skont il-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar.** It-teħid ta' azzjoni biex jiġu indirizzati biss ċerti sfidi mhux se jkun biżżejjed biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal titjib sostenibbli u strutturali fil-kompetittività, jew biex jiġi żgurat li dak it-titjib ikun durabbli maż-żmien. Dan il-pakkett ikun jinkludi miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inklużi miżuri biex jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw ir-regolamentazzjoni tar-rekwiżiti kapitali. Il-miżuri proposti se jrawmu l-integrazzjoni tas-suq b'salvagwardji xierqa għall-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kollha, biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tqis aktar l-ispeċifiċitajiet tal-UE u tirrifletti approċċ proporzjonat, b'enfasi qawwija fuq is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE fi kwalunkwe proposta li jmiss. Dan se jinkludi l-formalizzazzjoni tat-tneħħija ta' prijorità tal-mandati tal-EBA għall-istandards tekniċi, kif diskuss mal-koleġiżlaturi.

## *3.1 It-trawwim tal-integrazzjoni b'salvagwardji xierqa*

L-ineffiċjenzi marbuta mal-frammentazzjoni tul il-fruntieri nazzjonali qed jimminaw b'mod ċar il-kompetittività fis-settur bankarju tal-UE u jridu jiġu indirizzati permezz ta' azzjonijiet f'firxa ta' oqsma.

### ➢ *L-indirizzar tal-ostakli prudenzjali għall-integrazzjoni*

**Il-gruppi bankarji tal-UE jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali f'kull livell, mill-kumpanija omm ewlenija sa kull sussidjarja individwali.** Id-dritt tal-UE jippermetti

---

[15] EBA (Ġunju 2026), *EBA Report on Simplifying the Stacking Order of the EU Prudential and Resolution Framework*

eċċezzjonijiet għal dawn ir-regoli, iżda prinċipalment jekk sussidjarja tkun tinsab fl-istess Stat Membru bħall-kumpanija omm tagħha. Ir-rekwiżiti prudenzjali għall-gruppi transfruntiera jipprovdu riassigurazzjoni lill-Istati Membri ospitanti fir-rigward tat-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja lokali, iżda jistgħu jfixklu l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi f'dawn il-gruppi u fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw il-prestazzjoni u r-reżiljenza ġenerali tagħhom. Is-superviżuri ta' gruppi transfruntiera għandu jkollhom is-setgħat li jiżguraw li l-likwidità u l-kapital jitqassmu b'mod aktar effiċjenti fost il-kumpanija omm u s-sussidjarji tagħha, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' stress. Dan jippermetti allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi fil-gruppi bankarji transfruntiera, li timplika aktar opportunitajiet għal ekonomiji ta' skala u diversifikazzjoni tar-riskju (b'mod partikolari fir-rigward tal-esponimenti sovrani[16]) u kostijiet aktar baxxi għall-unitajiet domestiċi u n-negozji. Benefiċċji bħal dawn jagħmlu s-settur bankarju aktar kompetittiv b'mod ġenerali u jappoġġaw il-finanzjament tal-prijoritajiet ewlenin tal-UE. Il-mod kif il-gruppi transfruntiera jistrutturaw l-operazzjonijiet tagħhom għandu jkun ibbażat fuq deċiżjonijiet kummerċjali f'konformità mar-rekwiżiti prudenzjali u tal-politika tal-kompetizzjoni u ma għandux ikun soġġett għal interferenza mhux ġustifikata mill-awtoritajiet nazzjonali.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Tipproponi miżuri li permezz tagħhom il-gruppi transfruntiera jkunu jistgħu jtejbu l-effiċjenza fl-allokazzjoni tal-kapital u l-likwidità. Is-superviżuri tal-grupp kollu għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw li r-rekwiżiti jiġu ssodisfati fil-livell tal-entità omm u li jirrikjedu li l-kumpanija omm talloka biżżejjed riżorsi lis-sussidjarji tagħha fil-ħin u b'mod infurzabbli, kemm f'sitwazzjonijiet ta' negozju avvjat kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. L-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat għandu jqis id-diversità tal-gruppi bankarji transfruntiera, inkluż in-natura tas-sussidjarji fil-grupp, ir-reżiljenza tagħhom, kif ukoll il-livell ta' integrazzjoni u l-impenji meħuda fi gruppi. Barra minn hekk, l-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat għandu jkun sostnut minn salvagwardji xierqa fir-rigward tal-protezzjoni tal-kredituri u tad-depożitanti.***
- ***Tipproponi miżuri biex jiġi applikat trattament regolatorju simili ta' skoperturi intragrupp[17] kemm fil-livell domestiku kif ukoll f'dak tal-UE.***
- ***Tipproponi aktar miżuri biex tindirizza r-riskju ta' konċentrazzjoni eċċessiva ta' esponimenti sovrani u tkompli tħeġġeġ id-diversifikazzjoni tal-portafolli ta' bonds sovrani mill-banek***.
- ***Tuża s-sett ta' għodod ta' infurzar tagħha fejn tidentifika ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' interventi f'fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet li jistgħu jimminaw il-moviment liberu tas-servizzi u l-kapital kif ukoll il-libertà tal-istabbiliment stabbilita fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-***

[16] Claudia Buch (2026), *The bank-sovereign nexus: securing progress by completing the banking union*, fejn ġie nnotat ukoll li l-preġudizzju domestiku fil-holdings tal-banek ta' esponimenti sovrani naqas f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari għal banek kbar issorveljati mill-MSU.

[17] Kwalunkwe assi, obbligazzjoni, jew relazzjoni finanzjarja bejn entitajiet fl-istess grupp.

***Unjoni Ewropea. L-abbozz tal-linji gwida l-ġodda dwar il-fużjonijiet[18] jagħti wkoll gwida aktar ċara lill-Istati Membri dwar iċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jintervjenu fi tranżazzjonijiet soġġetti għall-kontroll tal-fużjonijiet fil-livell tal-UE.***

## ➢ *Provvista ta' salvagwardji xierqa*

**Il-miżuri li jindirizzaw l-ostakli prudenzjali għall-integrazzjoni jridu jkunu akkumpanjati minn salvagwardji xierqa li jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja madwar l-UE.** Għad hemm tħassib li s-sussidjarji ta' gruppi bankarji transfruntiera jistgħu jiffaċċjaw nuqqas ta' kapital u likwidità, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi, u dan iwassal biex l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom jimmaniġġjaw il-fallimenti mingħajr appoġġ suffiċjenti mill-kumpanija omm.

Ħafna gruppi transfruntiera joperaw taħt strateġija ta' riżoluzzjoni b'*punt ta' dħul uniku*, fejn il-miżuri ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet jiġu applikati fil-livell tal-kumpanija omm, filwaqt li s-sussidjarji jiġu appoġġati permezz tal-upstreaming tat-telf lill-kumpanija omm u d-downstreaming tal-kapital. Jekk jonqos l-appoġġ għall-grupp kollu, is-sussidjarji – speċjalment jekk ikunu importanti għall-ekonomiji lokali – jistgħu jispiċċaw vulnerabbli, u potenzjalment jiġi skattat intervent mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) nazzjonali[19]. L-indirizzar ta' dawn ir-riskji jirrikjedi li tinbena fiduċja fost l-awtoritajiet billi jiġi żgurat li l-pjanijiet ta' kapital, ta' likwidità, ta' irkupru u riżoluzzjoni jkunu b'saħħithom biżżejjed biex jinżamm forniment adegwat ta' servizzi u jiġu evitati eżiti mhux ikkontrollati. Ikun meħtieġ ukoll mekkaniżmi biex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-grupp transfruntier kollu kemm hu hekk kif jirriżulta mir-riżoluzzjoni u jfittex li jerġa' jikseb aċċess għas-swieq finanzjarji. Il-MSU u l-SRM, appoġġati mill-ġabra unika tar-regoli, jinsabu f'pożizzjoni tajba biex joffru dawn is-salvagwardji. Tliet kwarti tad-depożiti koperti fl-Unjoni Bankarja issa jinsabu taħt is-sorveljanza diretta tal-MSU u l-SRB u jinżammu f'banek ippjanati għal riżoluzzjoni fil-livell tal-UE, għall-kuntrarju ta' likwidazzjoni skont proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza. Dawn il-banek għandhom kapaċità xierqa ta' assorbiment tat-telf u aċċess potenzjali għall-SRF, li diġà jiżgura grad għoli ta' mutwalizzazzjoni tat-telf fis-settur bankarju. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tqis kif xieraq l-Istati Membri li mhumiex fl-Unjoni Bankarja, li joperaw taħt arranġamenti istituzzjonali differenti.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

---

[18] Il-gwida tenfasizza li d-dritt tal-UE jippermetti biss interventi nazzjonali bħal dawn għal raġunijiet speċifiċi għajr il-protezzjoni tal-kompetizzjoni. L-interventi għandhom ikunu limitati għal dawk strettament meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi leġittimi ġenwini u jridu jaderixxu mal-prinċipji tal-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni. L-abbozz tal-linji gwida l-ġodda tal-Kummissjoni dwar il-fużjonijiet, p. 90.

[19] Barra minn hekk, filwaqt li s-SGD huma mibnija bis-sħiħ u xi wħud minnhom jaqbżu l-livell minimu fil-mira, dawn jistgħu jibqgħu vulnerabbli għal xokkijiet lokali li jirriżultaw mill-falliment ta' bank żgħir wieħed jew aktar, u dan joħloq nuqqasijiet potenzjali ta' likwidità li jistgħu jġegħluhom jiddependu fuq l-appoġġ pubbliku.

- ***Tissostitwixxi l-proposta tal-EDIS tal-2015 bi proposta ġdida biex tiġi rieżaminata u ssimplifikata l-istruttura tal-qafas tal-assigurazzjoni tad-depożiti biex jiġu allinjati aħjar ir-responsabbiltajiet għall-miżuri ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti u l-finanzjament tagħhom, fix-xbieki ta' sikurezza eżistenti tal-Unjoni Bankarja, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-proposta se tindirizza wkoll il-vulnerabbiltajiet li fadal tal-SGD għan-nuqqasijiet ta' likwidità. L-objettiv se jkun li jiġi żgurat li l-falliment ta' grupp transfruntier ma joħloqx distorsjonijiet fi Stati Membri individwali jew obbligazzjonijiet għas-SGD u l-baġits nazzjonali, kif ukoll li tiġi żgurata protezzjoni ugwali tad-depożiti koperti fl-Unjoni Bankarja kollha. B'mod ġenerali, dan se jnaqqas il-kumplessità li tirriżulta mid-delineazzjoni attwali bejn l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u l-fondi ta' riżoluzzjoni.***
- ***Tipproponi miżuri biex tittejjeb il-prevedibbiltà tal-istrateġiji ta' riżoluzzjoni tal-gruppi u biex tiġi appoġġata allokazzjoni aktar integrata tal-fondi fil-gruppi transfruntiera, inkluż fi żminijiet ta' stress.***
- ***Tappoġġa l-isforzi li għaddejjin bejn l-istituzzjonijiet rilevanti u l-Istati Membri biex jissaħħu l-mekkaniżmi ta' finanzjament ta' garanzija ta' kontinġenza kredibbli u prevedibbli għall-forniment ta' likwidità f'riżoluzzjoni b'salvagwardji adegwati, f'konformità mad-dimensjoni Ewropea tar-riżoluzzjoni u s-superviżjoni fl-Unjoni Bankarja u mal-istandards internazzjonali.***

## ➢ *L-indirizzar tal-ostakli mhux prudenzjali għall-integrazzjoni*

**Hemm ukoll ostakli mhux prudenzjali għall-integrazzjoni, li jiswew ħafna flus biex wieħed jinnaviga meta jwettaq negozju bankarju bejn il-fruntieri.** Fin-nuqqas ta' qafas armonizzat tal-UE, il-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza għadhom frammentati u jkomplu jillimitaw l-operazzjonijiet transfruntiera tal-banek, pereżempju dwar aspetti li jaffettwaw il-pussess mill-ġdid tal-kollateral tas-self skont il-liġijiet dwar il-falliment. Il-koleġiżlaturi għamlu progress fi kwistjonijiet speċifiċi, pereżempju l-istabbiliment ta' ġerarkija uniformi tal-kredituri skont il-qafas CMDI. Madankollu, mil-lum, tentattivi aktar strutturali u ambizzjużi biex jiġu armonizzati l-liġijiet dwar l-insolvenza madwar l-Unjoni ma laħqux kunsens fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni hija lesta u tibqa' impenjata li taħdem lejn l-armonizzazzjoni ulterjuri tal-liġijiet dwar l-insolvenza.

Fil-biċċa l-kbira, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML) u xi regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur ġew armonizzati madwar l-UE, iżda dawn spiss jiġu applikati b'mod differenti fl-Istati Membri. Saru aktar sforzi leġiżlattivi biex jinkiseb livell ogħla ta' armonizzazzjoni, pereżempju, fir-rigward tat-twaqqif reċenti tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) u skont id-Direttiva l-ġdida dwar il-Kreditu għall-Konsumaturi applikabbli mill-20 ta' Novembru 2026[20].

---

[20] Id-Direttiva (UE) 2023/2225 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva 2008/48/KE (ĠU L, 2023/2225, 30.10.2023)

L-ostakli mhux prudenzjali jistgħu jiskoraġġixxu lill-banek milli joffru prodotti bankarji pan-UE – bħal depożiti jew self fil-livell tal-konsumatur – u jirriżultaw f'kostijiet addizzjonali, b'mod partikolari ġġenerati minn sistemi tal-IT li jeħtieġ li jiġu adattati għall-ordnijiet legali nazzjonali differenti tas-27 Stat Membru. Id-diġitalizzazzjoni u l-avvanzi teknoloġiċi għall-forniment ta' servizzi bankarji (jiġifieri servizzi bankarji miftuħa, tokenisation tal-assi, l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali inkluż l-aċċess għal data ta' kwalità għolja, l-adattament tar-regoli għal mudelli ġodda ta' negozju bħal pjattaformi ta' depożitu, apps b'kuntatt dirett mal-klijenti, kartieri diġitali) jistgħu jagħtu spinta lill-kompetittività.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Taħdem mal-AMLA fl-implimentazzjoni tal-ġabra unika tar-regoli tal-UE dwar l-AML, li se tapplika direttament fl-Istati Membri mill-10 ta' Lulju 2027 u se tarmonizza r-rekwiżiti ta' Kun Af lill-Klijent Tiegħek u r-Rapportar ta' Attività Suspetta madwar l-Unjoni*.**
- ***Tkompli timmonitorja l-applikazzjoni nazzjonali tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur biex tiffaċilita u trawwem l-attività transfruntiera, filwaqt li tiżgura li l-konsumaturi jkunu jistgħu jaċċessaw aktar faċilment offerta usa' ta' servizzi bankarji, filwaqt li żżomm livell xieraq ta' protezzjoni.***
- ***Tivvaluta jekk ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur humiex gold-plated jew applikati b'mod li jifframmenta s-suq bla bżonn.***
- ***Tkompli timmonitorja l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u l-implikazzjonijiet tal-IT għas-settur bankarju biex tiżgura li l-qafas regolatorju jkun adatt biżżejjed biex jappoġġa servizzi bankarji aktar diġitalizzati u biex irawwem l-innovazzjoni, filwaqt li tiġi ppreservata r-reżiljenza ċibernetika.***

## *3.2 L-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-UE u tiġi żgurata l-proporzjonalità*

L-UE adottat b'mod leali standards internazzjonali u, f'ċerti oqsma, għamlitilhom gold-plating billi applikat l-istandards fil-livelli kollha ta' konsolidazzjoni u għall-banek kollha, u mhux biss għal dawk kbar u attivi internazzjonalment. Filwaqt li dan l-approċċ żied ir-reżiljenza b'mod sinifikanti, seta' wassal biex jiġu injorati ċerti speċifiċitajiet tal-UE.

### ➢ *Implimentazzjoni ta' standards internazzjonali b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-UE*

tistabbilixxi armonizzazzjoni sħiħa tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fil-qasam tal-kreditu għall-konsumatur, biex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha fl-Unjoni jgawdu minn livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni tal-interessi tagħhom u biex jinħoloq suq intern li jiffunzjona tajjeb.

**L-UE adottat il-Ftehim Basel III fid-dritt tal-UE mill-1 ta' Jannar 2025, b'għadd ta' miżuri tranżizzjonali.** Bħala wieħed mill-akbar swieq bankarji, is-superviżuri tal-UE u l-Kummissjoni huma involuti fit-tfassil ta' standards internazzjonali u għandhom jaħdmu b'mod proattiv biex jiżguraw li l-oqfsa globali jqisu r-realtajiet differenti tas-suq, inklużi dawk tas-settur bankarju Ewropew. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali fid-dritt tal-UE għandha tqis kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-settur bankarju tal-UE, sabiex tgħin biex jiġu evitati effetti sproporzjonati fuq ċerti attivitajiet jew banek u tiżgura li l-qafas jilħaq l-objettivi prudenzjali tiegħu b'mod effiċjenti u bbilanċjat.

**Kundizzjonijiet ekwi internazzjonali huma essenzjali**. Sakemm issir l-implimentazzjoni xi mkien ieħor, il-Kummissjoni ħadet passi biex tipposponi d-dħul fis-seħħ fl-UE ta' ċerti aspetti tal-qafas tar-riskju tas-suq ta' Basel (Rieżami Fundamentali tal-Portafoll tan-Negozjar) sal-1 ta' Jannar 2027. Fl-4 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni adottat att delegat biex ittaffi xi wħud mill-effetti tal-applikazzjoni tiegħu sa tmiem l-2029. L-att delegat issa jinsab taħt l-iskrutinju tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

**L-UE qed tintroduċi progressivament il-minimu tal-output[21], flimkien ma' għadd ta' miżuri tranżizzjonali, imfassla biex jippermettu lill-banek u lill-awtoritajiet jadattaw progressivament għall-Ftehim ta' Basel.** Sadanittant, ittieħdu diversi approċċi fi ħdan ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, inkluż it-tneħħija totali tal-minimu tal-output. Il-partijiet ikkonċernati bbażati fl-UE esprimew fehmiet differenti dwar il-futur tal-minimu tal-output, inkluż dwar il-livell xieraq ta' kalibrazzjoni, il-livell li fih għandu japplika r-rekwiżit (livell individwali jew konsolidat), l-ambitu tar-riskji koperti mill-qafas u kif jinteraġixxi mal-approċċ standardizzat sottostanti, pereżempju f'oqsma bħas-self speċjalizzat, il-finanzjament ta' proġetti u l-finanzjament relatat mal-kummerċ.

**Minkejja l-fattur ta' appoġġ għall-SMEs, it-trattament prudenzjali ta' korporattivi mhux ikklassifikati huwa ta' sfida strutturali għall-qafas regolatorju tal-UE**. Peress li l-kumpaniji tal-UE, u b'mod partikolari l-SMEs, fil-biċċa l-kbira jiddependu aktar fuq il-finanzjament bankarju milli fuq is-swieq kapitali, il-maġġoranza l-kbira ma għandhomx klassifikazzjoni tal-kreditu esterna. Għalhekk, il-Kummissjoni se tivvaluta l-possibbiltà li tneħħi l-ħtieġa għal klassifikazzjoni esterna, bl-għan li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament bankarju għal kumpaniji bħal dawn. Tali valutazzjoni għandha teżamina wkoll jekk il-politika proposta tistax toħloq diżinċentivi għall-kumpaniji biex ifittxu klassifikazzjoni tal-kreditu, u b'hekk timmina t-trasparenza u t-tkabbir fit-tul ta' swieq tal-ekwità u tal-bonds korporattivi aktar profondi fl-UE u tnaqqas l-informazzjoni disponibbli għall-banek biex jivvalutaw ir-riskji tal-korporattivi. Għandu jiġi kkunsidrat approċċ strateġiku u fit-tul biex jintlaħaq l-għan fundamentali tal-SIU li tippromwovi sorsi ta' finanzjament aktar diversifikati permezz tas-suq kapitali uniku. .

**It-trattament prudenzjali tal-iskoperturi għal proprjetà immobbli residenzjali jeħtieġ ukoll kalibrazzjoni bir-reqqa.** Ir-rekwiżiti f'dan il-qasam jistgħu jinfluwenzaw l-aċċess

[21] Il-minimu tal-output huwa salvagwardja regolatorja li tillimita l-punt sa fejn il-banek jistgħu jnaqqsu r-rekwiżiti kapitali tagħhom b'mudelli ta' riskju interni, meta mqabbla ma' approċċi standardizzati.

għall-finanzjament tal-akkomodazzjoni, inkluż kif dawn iħallu impatt fuq il-provvista tal-akkomodazzjoni, u jaffettwaw il-funzjonament ta' segmenti speċifiċi tas-suq, filwaqt li l-qafas irid jibqa' sensittiv għar-riskju. Fl-istess ħin, għandu jitqies ukoll li l-passi biex jiżdied is-self ipotekarju jistgħu jgħollu l-prezzijiet tad-djar f'kundizzjonijiet ta' provvista limitata, u b'hekk jaggravaw l-affordabbiltà u jimminaw l-objettiv maħsub tiegħu.

**F'oqsma oħra, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività internazzjonali u tiġi appoġġata d-diġitalizzazzjoni, jistgħu jiġu kkunsidrati emendi tal-qafas prudenzjali, bħat-trattament tal-assi tas-software**. Ir-regoli tal-UE jirrikjedu li l-banek inaqqsu fil-biċċa l-kbira l-investimenti fis-software mill-kapital ewlieni tagħhom. Dak l-approċċ jittratta s-software bħala kost fiżiku aktar milli assi tal-kumpanija kompetittiv u huwa meqjus minn ħafna bħala li jpoġġi lill-banek tal-UE fi żvantaġġ meta mqabbla ma' pari f'ġuriżdizzjonijiet oħra. Madankollu, il-prudenza tal-approċċ tal-UE tista' titqies ukoll bħala assi f'mument meta l-iżviluppi tal-intelliġenza artifiċjali jqajmu dubji dwar il-valur tal-assi tas-software. B'mod aktar ġenerali, il-qafas prudenzjali għandu jirrifletti aħjar ir-rwol tal-assi intanġibbli f'ekonomija moderna.

Fl-aħħar nett, **il-kompetittività tas-settur bankarju tal-UE mhijiex biss kwistjoni ta' kunsiderazzjonijiet prudenzjali, ta' teknoloġija u ta' innovazzjoni. Din tiddependi wkoll fuq il-kapaċità tal-banek li jattiraw, iżommu u jippremjaw professjonisti b'ħiliet għolja f'suq globali għat-talent**. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni qed tivvaluta aġġustamenti possibbli tal-qafas ta' remunerazzjoni. Ir-regoli ta' remunerazzjoni aġġornati jistgħu jikkontribwixxu għat-trawwim tal-kompetittività tas-settur bankarju tal-UE filwaqt li jiżguraw li l-politiki ta' remunerazzjoni ma jipprovdux inċentivi għat-teħid ta' riskju eċċessiv.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Tagħmel proposti ċari rigward il-minimu tal-output u l-arranġamenti tranżizzjonali tiegħu dwar korporattivi mhux ikklassifikati u s-self ipotekarju fuq il-kompetittività tal-banek tal-UE, kif ukoll l-interazzjoni tiegħu mal-partijiet l-oħra tal-qafas, inkluż miżuri biex ir-reżiljenza u l-finanzjament usa' tal-ekonomija jiġu bbilanċjati kif xieraq.***
- ***Tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali fil-ġuriżdizzjonijiet kollha u timplimenta approċċ tal-UE fit-tul u strateġiku għar-rekwiżiti kapitali tar-riskju tas-suq, abbażi tal-esperjenza miksuba u ta' kunsiderazzjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwi.***
- ***Tevalwa t-trattament regolatorju tal-investimenti strateġiċi permezz ta' self speċjalizzat, inkluż il-finanzjament ta' proġetti għall-infrastrutturi u t-tranżizzjoni tal-enerġija, kif ukoll it-trattament regolatorju tal-finanzjament tal-kummerċ bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-banek Ewropej ikunu jistgħu jappoġġaw lill-kumpaniji Ewropej u jsaħħu s-sigurtà tal-katina tal-provvista.***
- ***Tipproponi reviżjoni tat-trattament prudenzjali tal-investimenti tal-banek fl-assi tas-software biex jiġi żgurat li l-qafas ikun prudenzjalment sod, konsistenti mal-ambjent diġitali u tar-riskju ċibernetiku u li jipprovdi l-inċentivi korretti għall-banek biex jinvestu fl-innovazzjoni u r-reżiljenza diġitali.***

- *Tesplora oqsma potenzjali ta' azzjoni biex jiġi żgurat l-aċċess għas-self għal kumpaniji intensivi fil-IP u b'mod aktar wiesa' għall-ekonomija immaterjali, inkluż billi l-partijiet ikkonċernati rilevanti jiġu mistiedna jirriflettu dwar programmi ta' bini tal-kapaċitajiet, oqfsa ta' valwazzjoni u mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tar-riskju. Din il-ħidma se tqis l-azzjonijiet li ġejjin relatati mal-PI fl-Istrateġija għall-kumpaniji Start-up u Scale-up, bħall-Att Ewropew għall-Innovazzjoni.*
- *Tivvaluta l-aġġustamenti possibbli għall-qafas ta' rimunerazzjoni attwali għal dawk li jieħdu riskju sinifikanti u l-impatt tagħhom fuq is-settur bankarju tal-UE. Il-Kummissjoni qed tivvaluta kif jitnaqqas il-piż u l-kumplessità bla bżonn, jiġu indirizzati l-effetti mhux intenzjonati fuq l-istrutturi tal-pagi, jiġu evitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni għal talent speċjalizzat u kif jiġi adattat il-qafas għar-riskji sistemiċi attwali.*

## ➢ *L-iżgurar tal-proporzjonalità fil-qafas regolatorju*

**L-Ewropa teħtieġ banek kbar li jkunu kapaċi jikkompetu internazzjonalment fi swieq fejn l-iskala hija essenzjali iżda tibbenefika wkoll minn banek iżgħar b'orjentazzjoni aktar lokali**. Banek iżgħar għandhom rwol biex jappoġġaw il-prijoritajiet ta' investiment tal-UE u l-finanzjament tal-SMEs fil-livell lokali, inkluż f'reġjuni inqas żviluppati, filwaqt li jibnu fuq il-prossimità u fl-aħħar mill-aħħar jagħtu spinta lill-offerta ta' self.

**Il-qafas regolatorju tal-UE jirrikonoxxi l-ispeċifiċitajiet ta' banek iżgħar u mhux kumplessi, iżda l-kumplessità fil-qafas xorta għadha tista' tħalli impatt sproporzjonat fuq banek iżgħar**. Reġim imfassal aħjar għal banek żgħar u mhux kumplessi għandu jkun aktar sempliċi u inqas ta' piż f'termini ta' kostijiet ta' konformità, filwaqt li jippreserva rekwiżiti adegwati bbażati fuq ir-riskju, jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja u jżomm inċentivi biex jittejbu l-prattiki tal-immaniġġjar ta' kriżijiet.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- *Tipproponi reġim fis-CRR li jippermetti li banek żgħar u inqas kumplessi jiġu identifikati b'mod aktar ċar fil-qafas regolatorju, irrispettivament mill-istruttura legali u organizzattiva tagħhom, li possibbilment jaġġusta l-kriterji u l-livelli limiti attwali biex jirriflettu r-realtà tas-settur bankarju tal-UE, b'rekwiżiti inqas, adattati u aktar sempliċi fl-oqfsa rilevanti għad-dimensjonijiet prudenzjali, makroprudenzjali u ta' riżoluzzjoni. Reġim bħal dan għandu jippermetti wkoll lill-EBA taħdem fuq il-miżuri tal-Livell 2 u tal-Livell 3 b'mod li jaqdi b'mod aktar effettiv lill-banek żgħar u inqas kumplessi, b'għadd imnaqqas ta' rekwiżiti u proċessi.*
- *Fil-kuntest tat-tlestija tal-Unjoni Bankarja, il-Kummissjoni se tkompli d-djalogu tagħha mal-MSU u l-SRB dwar l-applikazzjoni effiċjenti tal-proporzjonalità, inkluż fir-rigward taċ-ċirkostanzi partikolari li jiġġustifikaw il-kwalifika tal-istituzzjonijiet ta' kreditu bħala inqas sinifikanti, minkejja li jissodisfaw il-kriterji tas-sinifikat tal-inadempjenza fir-Regolament MSU.*

Barra minn hekk, id-ditti tal-investiment jikkontribwixxu għad-diversità u l-profondità tas-suq kapitali billi joffru servizzi li jikkomplementaw kif ukoll jikkompetu ma' dawk tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, bħall-provvista ta' likwidità, il-kontribut għal allokazzjoni effiċjenti tal-kapital u l-appoġġ għall-ħruġ ta' titoli ta' ekwità u ta' dejn. Kwalunkwe ostaklu mhux ġustifikat fil-qafas regolatorju għall-kontribuzzjoni tad-ditti tal-investiment irid jiġi indirizzat ukoll. L-opinjoni konġunta tal-EBA u l-ESMA dwar il-funzjonament tal-qafas prudenzjali għad-ditti tal-investiment[22] ikkonkludiet li r-regolament jissodisfa l-objettivi oriġinali tiegħu, filwaqt li ssuġġeriet emendi mmirati.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Tipproponi bidliet immirati għall-qafas prudenzjali għad-ditti tal-investiment, inkluż fl-istruttura tal-livell limitu, fir-rekwiżiti ta' governanza u ta' remunerazzjoni, u tirrieżamina l-kalibrazzjoni tar-rekwiżiti kapitali u tal-likwidità.***

## *3.3 Is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju*

**Is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju tista' ġġib benefiċċji tanġibbli għall-banek u għall-awtoritajiet superviżorji mingħajr ma timmina r-reżiljenza**. Il-qafas sar aktar kumpless minħabba r-reviżjonijiet suċċessivi tar-regoli mikroprudenzjali, ta' riżoluzzjoni u makroprudenzjali, spiss imwettqa b'mod indipendenti b'nuqqas ta' attenzjoni għal kif jinteraġixxu. Issa huma meħtieġa miżuri biex jitneħħew il-granularità eċċessiva, it-trikkib u l-inkonsistenzi fid-diversi settijiet ta' regoli u bejniethom. Iżda t-tnaqqis tal-kumplessità bla bżonn ma għandux iwassal għal deregolamentazzjoni li timmina b'mod fundamentali r-reżiljenza tas-settur bankarju, peress li r-reżiljenza hija prekundizzjoni għall-kompetittività tas-settur.

Barra minn hekk, ir-rapportar skont il-qafas regolatorju sar ta' piż bla bżonn u għali. Kwalunkwe rapport li ma jtejjibx b'mod proporzjonat ir-reżiljenza u l-integrazzjoni għandu jitnaqqas jew jitneħħa mill-qafas regolatorju.

### ➢ *Regoli mikroprudenzjali*

**Ir-regoli mikroprudenzjali jinkludu r-rekwiżiti tal-Pilastru 1, ir-rekwiżiti tal-Pilastru 2 u l-gwida tal-Pilastru 2**. Ir-rekwiżiti tal-Pilastru 1 jiddeterminaw il-livelli statutorji ta' kapital li għandu jinżamm minn bank. Ir-rekwiżiti tal-Pilastru 2 jistabbilixxu livelli ta' kapital speċifiċi għall-banek, filwaqt li l-gwida tal-Pilastru 2 hija wkoll speċifika għall-banek iżda mhijiex vinkolanti u tirrifletti l-aspettattivi superviżorji tal-livell totali ta' kapital li l-banek għandhom iżommu biex ikunu kapaċi jirreżistu perjodi ta' stress. Minbarra r-rekwiżiti bbażati fuq ir-riskju, is-superviżuri jistgħu jistabbilixxu wkoll rekwiżiti tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-Pilastru 2.

Ġie espress tħassib dwar it-tfassil u l-applikazzjoni attwali tar-rekwiżiti u l-gwida tal-Pilastru 2, speċjalment dwar il-possibbiltà ta' trikkib ma' rekwiżiti oħra li jista' jwassal għal għadd

---

22 L-Awtorità Bankarja Ewropea (2025), *The EBA and ESMA recommend targeted revisions to the investment firms' prudential framework*.

doppju. Ġie espress ukoll tħassib dwar it-trasparenza limitata fil-metodoloġiji użati biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti u l-gwida tal-Pilastru 2, u għaldaqstant intalbu spjegazzjoni aktar ċara tad-deċiżjonijiet, aktar ċarezza u inċentivi relatati mar-rimedju u riflessjoni aħjar tar-riskji sottostanti.

**Il-MSU diġà impenja ruħu li jimplimenta sensiela ta' titjib relatat mar-rekwiżiti u l-gwida tal-Pilastru 2.** Dan l-aħħar implimenta metodoloġija ġdida għar-rekwiżiti tal-Pilastru 2 u ppropona aġenda ta' riforma maħsuba biex iżżid l-effiċjenza, l-effettività u enfasi bbażata fuq ir-riskju tas-superviżjoni prudenzjali b'mod aktar ġenerali. Dawn ir-riformi huma pass importanti fl-iżgurar ta' qafas xieraq ta' rieżami superviżorju. Sabiex jiġu kkomplementati dawk l-isforzi li għaddejjin, jistgħu jiġu kkunsidrati passi ulterjuri biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti superviżorji jibqgħu bbażati fuq ir-riskju u proporzjonati, filwaqt li jiġu evitati kumplessità jew trikkib bla bżonn ma' aspetti oħra tal-qafas kapitali.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Tipproponi miżuri biex jissaħħaħ il-funzjonament tal-gwida tal-Pilastru 2 biex tiġi żgurata l-applikazzjoni mmirata tagħha.***
- ***Tipproponi li jitneħħew ir-rekwiżiti kapitali tal-Pilastru 2 relatati mal-proporzjon ta' ingranaġġ.***

## ➢ *Regoli ta' riżoluzzjoni*

**Ir-regoli ta' riżoluzzjoni tal-UE jirrikjedu li l-banek iżommu ammont minimu ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) biex jiżguraw li jkunu jistgħu jassorbu t-telf f'każ ta' falliment.** Filwaqt li dan żied ir-reżiljenza tal-banek tal-UE, id-disinn attwali tal-MREL sar kumpless u, f'xi każijiet, duplikat, b'mod partikolari bi kriterji ta' eliġibbiltà u kalibrazzjoni differenti bejn ir-rekwiżiti tal-MREL u r-rekwiżiti tal-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) relatati mal-istandards internazzjonali. Din il-kumplessità xxekkel il-prevedibbiltà u l-konsistenza u tħalli impatt fuq il-kundizzjonijiet ekwi fil-banek tal-UE.

Ir-regoli ta' riżoluzzjoni jinkludu wkoll dispożizzjonijiet anċillari, derivati mir-reġim tal-fondi proprji, li xi drabi huma kumplessi bla bżonn għall-istrumenti tal-MREL. Pereżempju, ir-reġim ta' permess minn qabel, imfassal biex jipproteġi l-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-banek, impona piżijiet amministrattivi fuq il-banek u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Għalkemm l-SRB ippropona approċċ razzjonalizzat ġdid biex jaċċellera l-għoti ta' dawn il-permessi għall-banek li lesti jixtru lura jew jissostitwixxu l-istrumenti tal-MREL tagħhom, huwa meħtieġ aktar titjib.

Minbarra li jiddeterminaw ir-rekwiżiti tal-MREL, l-SRB u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni huma meħtieġa jfasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-banek. Dan huwa proċess twil u ta' piż, li ma jirriflettix il-fatt li wara diversi iterazzjonijiet, illum il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-banek huma aktar maturi u jistgħu jiġu rrazzjonalizzati biex jilliberaw ir-riżorsi fil-banek u biex l-awtoritajiet jiffukaw fuq l-operazzjonalizzazzjoni u l-ittestjar tal-pjanijiet.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Tipproponi li tirrevedi l-qafas tal-MREL, billi tqarrbu lejn l-istandards internazzjonali billi telimina diskrepanzi bla bżonn mal-istandard tat-TLAC u billi tintroduċi kalibrazzjoni aktar sempliċi, aktar awtomatika u prevedibbli. Il-qafas rivedut se jippreserva r-reżiljenza tal-qafas ta' riżoluzzjoni, iżomm l-inċentivi għar-riżolvibbiltà, u jiżgura li r-rekwiżiti jkunu proporzjonati, b'mod partikolari għal banek iżgħar.***
- ***Tipproponi proċess razzjonalizzat għall-għoti ta' permessi lill-banek f'pożizzjoni finanzjarja tajba biex tittaffef l-awtorizzazzjoni tax-xiri lura u l-immaniġġjar tal-obbligazzjonijiet, jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità u tiżdied il-flessibbiltà, filwaqt li jinżammu r-riżolvibbiltà u l-aderenza mal-istandards tat-TLAC.***
- ***Tipproponi li ċerti valutazzjonijiet fil-fażi tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni – inklużi dawk dwar il-frekwenza taċ-ċikli tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni jew il-proċeduri ta' adozzjoni relatati – isiru aktar proporzjonati biex jirriflettu l-fatt li l-attivitajiet tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni mmaturaw minn meta ġie introdott il-qafas tal-immaniġġjar ta' kriżijiet.***

### ➢ *Regoli makroprudenzjali*

**L-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli għall-istabbiliment ta' miżuri makroprudenzjali, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet tas-setturi bankarji u ċ-ċikli ekonomiċi tagħhom, b'sett ta' għodod li jinkludi kapitali ta' lqugħ, sett ta' għodod għall-aġġustament tal-piż tar-riskju u miżuri bbażati fuq il-mutwatarju.** L-aktar miżuri makroprudenzjali li jħallu impatt huma l-kapitali ta' lqugħ, li huma stabbiliti flimkien mar-rekwiżiti tal-Pilastru 1 u tal-Pilastru 2 u jistgħu jintużaw mill-banek fi żmien ta' diffikultà biex jiġi evitat id-diżingranaġġ u biex jiġi ppreservat is-self lill-ekonomija. Dan il-qafas deċentralizzat sar partikolarment kumpless fin-nuqqas ta' metodoloġija armonizzata tal-UE, u dan jirrifletti għadd kbir ta' kapitali ta' lqugħ, tfassil ta' lqugħ apposta għal riskji u avvenimenti speċifiċi, diskrezzjoni nazzjonali fl-istabbiliment tal-livell ta' lqugħ u l-identifikazzjoni ta' banek soġġetti għal ilqugħ. In-nuqqas ta' prevedibbiltà u konsistenza fl-applikazzjoni ta' dan il-qafas jista' jkun ta' piż fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali tal-banek, speċjalment għall-konsolidazzjoni jew ir-riorganizzazzjoni transfruntiera. Barra minn hekk, il-governanza b'diversi livelli li tinvolvi lill-UE u lill-awtoritajiet nazzjonali toħloq aktar kumplessità. Ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force tal-BĊE ta' Livell Għoli dwar is-Simplifikazzjoni[23] kif ukoll it-tweġibiet għall-konsultazzjoni mmirata jikkonfermaw dawn l-isfidi.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Tipproponi li tirrevedi l-qafas makroprudenzjali biex tiżgura sett ta' għodod aktar sempliċi u konverġenza u konsistenza akbar fl-applikazzjoni ta' għodod makroprudenzjali madwar l-UE. B'mod aktar speċifiku, l-għadd ta' lqugħ (lqugħ kontroċikliku, lqugħ tar-riskju sistemiku) għandu jitnaqqas u t-tfassil u l-kalibrazzjoni tagħhom għandhom jittejbu. Il-qafas għal istituzzjonijiet sistemikament***

---

23 Il-Bank Ċentrali Ewropew (2025), [Simplification of the European prudential regulatory, supervisory and reporting framework]().

***importanti oħra (O-SII) għandu jiġi armonizzat billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-identifikazzjoni tal-O-SII u l-kalibrazzjoni tal-ilqugħ.***

## ➢ *Interazzjoni fost ir-regoli mikroprudenzjali, ta' riżoluzzjoni u makroprudenzjali*

**Ir-regoli mikroprudenzjali, makroprudenzjali u ta' riżoluzzjoni huma implimentati b'mod awtonomu minn awtoritajiet rilevanti differenti iżda jinteraġixxu b'modi li spiss jirriżultaw f'rekwiżiti duplikati u inkonsistenti**. Dan l-eżitu jpoġġi piż żejjed fuq il-banek permezz ta' saffi ta' kapital li jikkoinċidu u li huma stabbiliti għal skopijiet differenti iżda f'xi każijiet jistgħu jindirizzaw l-istess riskji u jimponu restrizzjonijiet mhux mixtieqa fuq l-użu ta' kapitali ta' lqugħ fi żminijiet ta' stress. Pereżempju, l-għadd doppju ta' ċerti strumenti għall-konformità mal-kapitali ta' lqugħ u rekwiżiti minimi oħra (proporzjon ta' ingranaġġ u MREL) jista' jipprevjeni lill-banek milli jużaw ilqugħ mingħajr ma jiksru r-rekwiżiti. Il-perċezzjonijiet tal-investituri u t-tħassib dwar il-profittabbiltà jistgħu wkoll jikkumplikaw l-użu tal-ilqugħ. Sabiex jindirizzaw dawn l-isfidi, l-awtoritajiet rilevanti jeħtieġ li jadottaw approċċ olistiku għall-istabbiliment ta' rekwiżiti mikroprudenzjali, ta' riżoluzzjoni u makroprudenzjali. Filwaqt li l-awtoritajiet għandhom iżommu d-diskrezzjoni, l-istabbiliment ta' rekwiżiti għandu jkun aktar prevedibbli u trasparenti biex il-banek ikunu jistgħu jwettqu ppjanar tal-kapital aktar effiċjenti u joffru aktar trasparenza lis-suq finanzjarju.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Tipproponi mekkaniżmi ta' koordinazzjoni aktar b'saħħithom bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' regoli mikroprudenzjali, ta' riżoluzzjoni u makroprudenzjali biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti jiġu stabbiliti b'mod koerenti u jkunu soġġetti għal akkontabbiltà msaħħa u aktar ċara. L-awtoritajiet se jkollhom bżonn itejbu l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, biex tiġi riflessa perspettiva olistika kemm dwar il-ħtiġijiet kapitali ġenerali għas-sistema kollha kemm hi kif ukoll għall-bank inkwistjoni.***
- ***Tirrieżamina l-proċedura biex temenda, fejn meħtieġ, l-istandards tekniċi fil-qafas kollu, issaħħaħ ir-rekwiżit għall-valutazzjonijiet tal-impatt mill-EBA u ttejjeb il-mekkaniżmi ta' akkontabbiltà/kontroll dwar kif jingħataw u jiġu applikati l-mandati.***
- ***Tipproponi li ċerti regoli mikroprudenzjali, ta' riżoluzzjoni u makroprudenzjali jitmexxew direttament f'regolamenti applikabbli biex tissaħħaħ ċ-ċarezza, il-konverġenza superviżorja u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-banek***.

## ➢ *Razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni*

**Filwaqt li r-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni huma essenzjali għal settur bankarju li jiffunzjona tajjeb, il-qafas ta' rapportar għall-banek sar ta' piż kbir**. Il-kostijiet totali tar-rapportar għall-banek tal-UE, li jinkludu n-nefqa kollha relatata mal-operat tas-sistema ta' rapportar (persunal, IT, is-servizzi legali, tal-kontabilistika, tal-awditjar u ta'

konsulenza) ġew stmati għal EUR 11,2 biljun fis-sena[24]. Il-piż ewlieni tar-rapportar jirriżulta mill-bidliet frekwenti tar-rekwiżiti ta' rapportar, il-kumplessità bla bżonn, in-nuqqas ta' ċarezza u konsistenza, u d-duplikazzjoni tar-rapportar li jirriżultaw mill-kondiviżjoni limitata tad-data fost l-awtoritajiet.

**Diġà ttieħdu passi sinifikanti biex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-rekwiżiti ta' rapportar, f'konformità wkoll mal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar id-data superviżorja**[25]. Dawn jinkludu bidliet leġiżlattivi biex jiġi ssimplifikat l-użu mill-ġdid tad-data superviżorja għad-divulgazzjonijiet u miżuri oħra biex jittaffa b'mod sinifikanti l-piż tar-rapportar għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi (il-Pjattaforma tad-Data tal-Pilastru 3), ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni Aħjar tad-Data li se jrażżan it-talbiet duplikati għad-data u jirrikjedi li l-awtoritajiet tal-UE jirrieżaminaw u jneħħu regolarment ir-rapportar żejjed u javvanzaw ukoll fl-isforzi tagħhom dwar ir-rapportar integrat[26], u l-pakkett Omnibus I u s-simplifikazzjonijiet sussegwenti tat-tassonomija tal-UE u l-Istandards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà[27]. Il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew, ladarba jibda jopera, se jtejjeb ukoll l-aċċessibbiltà u jnaqqas id-duplikazzjoni billi jiffaċilita l-aċċess elettroniku ċentralizzat għad-data pubblika dwar il-banek u l-prodotti tagħhom. Il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha mal-EBA biex tiżgura li r-rekwiżiti ta' rapportar prudenzjali u ta' divulgazzjoni jkunu proporzjonati u konsistenti mal-qafas usa' ta' sostenibbiltà.

Barra minn hekk, l-EBA diġà implimentat diversi miżuri sostantivi biex tnaqqas il-piż tar-rapportar għall-banek. Flimkien ma' miżuri addizzjonali proposti fl-2026, l-għadd ta' punti ta' data fl-oqfsa ta' rapportar tal-UE huwa mistenni li jitnaqqas b' 50 %[28]. Minkejja dan il-progress, il-partijiet ikkonċernati jikkonfermaw il-ħtieġa għal aktar razzjonalizzazzjoni, bil-prijoritajiet ikunu l-integrazzjoni tar-rapportar, il-proporzjonalità u aġġornament teknoloġiku.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Tappoġġa t-tranżizzjoni mill-approċċ ta' rapportar attwali għal rapportar prudenzjali, statistiku u ta' riżoluzzjoni aktar integrat, b'arranġamenti ta' governanza robusti u dizzjunarju tad-data komuni bħala l-pedamenti u tinċentiva lill-awtoritajiet rilevanti, b'konsultazzjoni mill-Kumitat Konġunt għar-Rapportar tal-Banek, biex jipproċedu bil-ħidma teknika u jwettqu titjib tanġibbli.***
- ***Meta jitqiesu l-għażliet kollha disponibbli biex tittejjeb il-kompetittività tas-settur bankarju tal-UE inkluż ir-rieżami potenzjali tal-mandat tal-EBA, tipproponi bidliet leġiżlattivi mmirati, fejn meħtieġ, sabiex tagħti mandat lill-EBA biex twettaq aktar proporzjonalità, simplifikazzjoni u awtomatizzazzjoni tar-rapportar fuq livell tekniku,***

---

24 L-Awtorità Bankarja Ewropea (2021), *Study of the cost of compliance with supervisory reporting requirements*.
25 Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Strateġija dwar id-data superviżorja fis-servizzi finanzjarji tal-UE*.
26 ĠU L, 2025/2088, 21.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2088/oj
27 Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward tad-dati minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw ċerti rekwiżiti ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u d-diliġenza dovuta, COM/2025/80 final
28 L-Awtorità Bankarja Ewropea (2026), *Efficient reporting: simpler, smarter, proportionate*.

***inkluż fir-rigward tal-livelli limitu ta' materjalità għal żbalji żgħar ta' rapportar u aspetti oħra li jżidu bla bżonn il-piż tar-rapportar.***

- ***Tipproponi emendi għar-Regolament tal-EBA rigward l-atti tal-Livell 2, li jirriflettu dawk introdotti fil-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament tal-ESMA skont il-Pakkett dwar l-Integrazzjoni tas-Suq u s-Superviżjoni (MISP). Tistieden lill-EBA ġġedded il-ġabra unika interattiva tar-regoli tagħha billi tgħaqqad il-Gwida u l-Q&As kollha tal-Livell 3 direttament mad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-qafas legali fuq is-sit web tagħha, u b'hekk ittejjeb l-aċċessibbiltà u t-trasparenza. Bħala parti minn dan il-proċess, l-EBA tista' tawditja l-Q&As eżistenti u tneħħi dawk li huma skaduti.***

- ***Tappoġġa lill-EBA u lil awtoritajiet oħra biex jirrieżaminaw, inaqqsu u jneħħu b'mod regolari r-rapportar doppju, f'konformità mar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni Aħjar tad-Data.***

- ***Taħdem mal-awtoritajiet nazzjonali biex tillimita r-rapportar nazzjonali addizzjonali, peress li dan iżid kumplessità sinifikanti u jżid il-piż għall-entitajiet relaturi. Tinċentivizza lill-awtoritajiet nazzjonali biex jagħmlu użu sħiħ mill-għażla li jikkondividu d-data skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni Aħjar tad-Data.***

# 4. Il-kompetittività bħala responsabbiltà kondiviża

**It-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur bankarju tal-UE se jirrikjedi bidla fil-kultura fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha**. Ir-riskji tas-settur bankarju jridu jiġu mmaniġġjati tajjeb, speċjalment fil-kuntest attwali fejn ir-riskji aktar stabbiliti relatati mal-kreditu, l-operazzjonijiet u l-iżviluppi tas-suq issa huma aggravati minn riskji aktar ġodda relatati mal-attività ċibernetika, it-tensjonijiet ġeopolitiċi, it-theddid ambjentali u klimatiku. Madankollu, l-immaniġġar tar-riskji għandha tiffoka fuq it-theddid materjali, filwaqt li titbiegħed minn approċċi bbażati strettament fuq il-konformità biex twassal approċċ aktar effiċjenti, olistiku u ffukat għall-immaniġġjar tar-riskji.

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod aktar proattiv u tiżgura bilanċ adegwat bejn it-teħid tar-riskju u l-istabbiltà finanzjarja, biex tiżgura li l-qafas u l-applikazzjoni tiegħu ma jfixklux il-kompetittività u t-tkabbir. Ir-regolaturi u l-awtoritajiet superviżorji għandhom jiffukaw fuq ir-riskji li huma l-aktar importanti għall-istabbiltà finanzjarja ġenerali, u jevitaw kultura ta' tolleranza żero tar-riskju, peress li dan jista' jfixkel lill-banek fl-appoġġ tal-attività ekonomika. Dawk li jfasslu l-politika għandhom joqogħdu lura milli jżommu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali li jifframmentaw is-suq. L-istrumenti ta' akkontabbilità għandhom jintużaw sal-massimu possibbli, u, jekk ma jkunux effettivi, għandhom jissaħħu.

**Il-Kummissjoni hija l-istituzzjoni primarja tal-UE responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-mandat tal-kompetittività u l-kompetizzjoni tal-UE**. Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-użu tar-responsabbiltà tagħha li tirrieżamina regolarment il-funzjonament tas-sistema bankarja Ewropea u l-impatt tagħha fuq is-suq intern, biex b'hekk tgħin biex jiġi żgurat li l-

attivitajiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni jibqgħu effettivi, proporzjonati u ta' appoġġ għall-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku u l-kompetittività tal-UE[29]. Il-Kummissjoni qed taħdem mal-EBA biex tiżgura li l-gwida superviżorja tagħha, b'mod partikolari meta tkun soġġetta għal proċessi ta' konformità u spjegazzjoni, tkun proporzjonata.

Fl-istess ħin, il-banek, il-maniġers superjuri u l-persunal tagħhom, kif ukoll l-awdituri u l-kontabilisti jridu jkunu lesti li jkunu parti minn din il-bidla kulturali u jieħdu aktar responsabbiltà għall-applikazzjoni tal-liġi bbażata fuq il-materjalità. Filwaqt li r-regolaturi u s-superviżuri għandhom jieħdu approċċ aktar proporzjonat u jaġixxu biex inaqqsu l-kumplessità, it-tul u l-livell ta' dettall tal-miżuri tagħhom – kemm jekk il-liġi, il-gwida jew il-Q&As – il-banek jeħtieġ li jagħtu sehemhom billi joqogħdu lura minn talbiet kontinwi għal gwida fit-tfittxija ta' grad dejjem ogħla ta' ċertezza legali. Il-konformità mal-liġi għandha tkun ibbażata fuq is-sustanza sottostanti tagħha aktar milli titqies bħala eżerċizzju ta' konformità burokratika. Hija responsabbiltà kondiviża li tinbidel l-imġiba li b'mod kollettiv ħolqot ambjent bankarju li huwa iperpreskrittiv, kumpless iżżejjed u ddominat mill-averżjoni għar-riskju.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se:

- ***Taħdem mal-EBA, mas-superviżuri u mal-parteċipanti fis-suq biex tagħmel distinzjoni aktar ċara bejn ir-rekwiżiti – li jeħtieġu konformità – u gwida mhux vinkolanti li tarmonizza l-mod kif jiġu applikati r-rekwiżiti.***
- ***Tikkunsidra mandat għall-EBA u għall-BERS biex jipproduċu regolarment rapporti dwar l-adegwatezza tar-rekwiżiti tal-kapital tal-banek madwar l-UE biex jissaħħu l-proċessi eżistenti ta' akkontabbiltà (fil-kuntest tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, kif ukoll tal-Kunsill u l-gvernijiet nazzjonali).***
- ***Taħdem mal-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali biex tiżgura li l-prattiki superviżorji jkunu newtrali fir-rigward tal-mudell organizzattiv ta' bank u ma jiskoraġġux l-attività bankarja transfruntiera, inkluż permezz ta' fergħat u l-forniment liberu ta' servizzi.***
- ***Torganizza diskussjonijiet regolari mal-MSU u l-SRB, u potenzjalment ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex tiddiskuti l-funzjonament tas-sistema bankarja u l-impatt tal-azzjonijiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni fuq il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.***

# 5. Impenn u l-passi li jmiss

**F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni ddeskriviet it-triq 'il quddiem lejn settur bankarju tal-UE aktar kompetittiv** li se jgħaqqad it-tfaddil mal-investimenti b'mod aktar effiċjenti, jisfrutta aħjar il-potenzjal kemm tas-swieq transfruntiera kif ukoll dawk domestiċi u jiżgura li l-unitajiet domestiċi u n-negozji jkollhom l-aktar għażla wiesgħa ta' għażliet ta' finanzjament, l-aktar kostijiet baxxi u l-ogħla redditi. Settur bankarju aktar kompetittiv irid

[29] L-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u l-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.

ikun reżiljenti, profittabbli u miftuħ għall-kompetizzjoni u l-innovazzjoni. It-twettiq ta' din it-triq 'il quddiem se jimplika riforma sinifikanti, inklużiva u li tħares lejn il-futur, iffukata fuq titjib b'impatt għoli.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ambizzjoni tal-koleġiżlaturi li jirriformaw il-qafas bankarju u jsaħħu l-kompetittività tal-banek tal-UE, kif ippreżentat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2025[30] u ta' Marzu 2026[31], kif ukoll fir-rapport annwali tal-Parlament dwar l-Unjoni Bankarja[32].

Għalhekk, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha biex ikunu ambizzjużi fl-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa u tilqa' l-feedback dwar din il-Komunikazzjoni hija u tipprepara miżuri li għandhom jiġu proposti fl-ewwel kwart tal-2027.

---

30 Il-Kunsill Ewropew (Diċembru 2025), *Konklużjonijiet dwar is-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni*

31 *Il-Konklużjonijiet tal-Laqgħa tal-Kunsill Ewropew* (Marzu 2026)

32 Il-Parlament Ewropew (April 2026), *Rapport Annwali tal-2025 dwar l-Unjoni Bankarja*